MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 92/2020/1 LM

**The Ramblers' Association (VO/0024)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Artijiet**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **The Ramblers' Association (VO/0024)**, [hawnhekk 'l-appellanta'], minn deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tal-21 ta' Jannar, 2021 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], fil-konfront tal-intimata **Awtorità tal-Artijiet** [hawnhekk 'l-appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li l-

appellanta ma tikkwalifikax bħala ‘persuna aggravata’ *ai termini* tal-artikolu 57(1) tal-Kap. 563, u għalhekk ma tistax tressaq l-azzjoni li ressqet quddiemu għaliex m’għandhiex il-*locus standi* sabiex tipproponi tali azzjoni.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti ressqet appell quddiem it-Tribunal wara li l-Awtorità tal-Artijiet għamlet ftehim għall-konċessjoni tal-użu u l-ġestjoni ta’ meded ta’ art fil-Miżieb u l-Aħrax tal-Mellieħa mal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK), liema ftehim iġib id-data tad-disgħa (9) ta’ Ottubru, 2020. Ir-rikorrenti spjegat li hija għaqda ambjentali mhux governattiva, li hija attiva fil-ħarsien tal-ambjent u fil-promozzjoni tat-tgawdija tiegħu mill-pubbliku. Spjegat li għal dan il-għan hija spiss torganizza mixjiet fil-kampanja sabiex tippromwovi l-għarfien pubbliku dwar il-wirt naturali, kulturali u storiku tal-Gżejjer Maltin.

**<u>Mertu</u>**

3. Fir-rikors tagħha quddiem it-Tribunal, li ġie ppreżentat fid-29 ta’ Ottubru, 2020, ir-rikorrenti għamlet riferiment għall-ftehim tad-9 ta’ Ottubru, 2020, iffirmat bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-FKNK [minn issa ’l quddiem ‘il-ftehim’], li permezz tiegħu l-Awtorità tal-Artijiet għadditilha l-*‘management and operation’* ta’ meded kbar ta’ art fl-Aħrax tal-Mellieħa u fil-Miżieb lill-FKNK, b’titolu ta’ kurazija (*guardianship*), u dan sabiex l-FKNK tamministra dawn l-artijiet għall-korrispettiv ta’ €400 fis-sena. Ir-rikorrenti ppremettiet ukoll li hija saret taf li fl-istess ġurnata ġie ffirmat ukoll *Memorandum of Understanding (MoU) for the*

*conservation of the natural environment of l-Aħrax l/o Mellieħa and il-Miżieb* bejn il-Ministeru tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ippjanar, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, u l-FKNK. Ir-rikorrenti qalet li hija ħassitha aggravata b'dan il-ftehim għaliex irriżulta li la l-Awtorità appellata u lanqas l-FKNK ma kisbu awtorizzazzjoni mingħand l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi mwaqqfa permezz tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, kif jirrikjedi l-artikolu 58 tal-istess Att, qabel ingħatat din il-konċessjoni. Ir-rikorrenti qalet li lanqas ma jidher li ġiet eżegwita l-proċedura kontemplata fl-artikolu 59 tal-istess liġi, u ġiet ukoll imċaħħda mill-jedd li timponi dawk it-termini, kundizzjonijiet, limitazzjonijiet u speċifikazzjonijiet approvati li jidhrilha xierqa, kif kienet obbligata li tagħmel skont il-liġi. Ir-rikorrenti qalet li fit-tieni lok, jidher ukoll li din il-konċessjoni saret bi ksur ta' dak li tiddisponi l-liġi speċjali dwar il-kuraziji, jiġifieri l-artikolu 70A tal-Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex minkejja li l-liġi li tirregola l-kuraziji tgħid li kurazija bħal din kellha tingħata mill-Ministru responsabbli għall-Ambjent wara li dan iġib awtorizzazzjoni mingħand il-Ministru responsabbli għall-Artijiet, f'dan il-każ il-konċessjoni ngħatat direttament mill-Awtorità tal-Artijiet meta din ma kellhiex is-setgħa tagħmel dan. Ir-rikorrenti qalet li minkejja li l-artikolu applikabbli tal-liġi jipprovdi li konċessjoni bħal din għandha tingħata permezz ta' att pubbliku, il-ftehim *de quo* sar sempliċiment permezz ta' skrittura privata, u din l-irritwalità għandha tinvalida l-ftehim milħuq. Ir-rikorrenti qalet ukoll li filwaqt li l-artikolu 70A(3) tal-Kap. 549 jipprovdi li qabel ma jagħmel att ta' kurazija, il-Ministru responsabbli għall-Ambjent għandu jara xi tkun il-fehma tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi dwar il-kundizzjonijiet li għandhom ikunu inklużi fl-att ta' kurazija, imkien ma jirriżulta li dan sar. Qalet li in vista ta' dawn in-nuqqasijiet, il-ftehim huwa vvizzjat u għandu jiġi ddikjarat null u bla effett. Ir-

rikorrenti spjegat li nuqqas ieħor kien li ma jirriżultax li qabel ġie ffirmat il-ftehim, l-Awtorità tal-Artijiet kisbet l-approvazzjoni tal-Ministru jew tas-Segretarju Parlamentari li l-Awtorità taqa' taħt il-portafoll tiegħu, sabiex tiddelega l-funzjoni tagħha fir-rigward ta' dawn l-artijiet lill-FKNK, kif jipprovdi l-artikolu 28 tal-Kap. 563. Ir-rikorrenti qalet li għalhekk meta daħlet għal dan il-ftehim, l-Awtorità tal-Artijiet kienet *ultra vires* u għalhekk dan il-ftehim huwa null u bla effett. Ir-rikorrenti spjegat li l-artikolu 31 *et seq.* tal-Att dwar l-Artijiet tal-Gvern, Kap. 573, imkien ma jikkontempla trasferiment ta' art tal-Gvern permezz ta' *guardianship deed,* avolja jikkontempla diversi modi differenti ta' trasferiment oħra. Ir-rikorrenti qalet li għal din ir-raġuni wkoll, dan il-ftehim għandu jitqies li huwa null u bla effett a tenur tal-artikolu 33(1) tal-Kap. 573. Ir-rikorrenti qalet li t-tfassil tal-pjan '*Miżieb and Aħrax Project Plan*', li abbażi tiegħu ngħatat il-konċessjoni lill-FKNK, ma ġiex adottat in konformità mal-artikoli 50 u 51 tal-Kap. 549, u la r-rikorrenti u lanqas il-pubbliku ma ngħataw l-opportunità li jipparteċipaw fit-tfassil ta' dan il-pjan. Qalet li dan sar bi ksur tal-Liġi Komunitarja, senjatament ir-Regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Parteċipazzjoni Pubblika fi Pjanijiet u Programmi, kif implimentat fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.41, li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2 tad-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju, 2003, li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika fir-rigward tat-tħejjija ta' ċerti pjanijiet u programmi li jirrigwardaw l-ambjent u li tgħin timplimenta l-Konvenzjoni ta' Aarhus, li ġiet ratifikata mill-Istati Membri fit-23 ta' April, 2002 u mill-Unjoni Ewropea fis-17 ta' Frar, 2005. Ir-rikorrenti qalet li barra minn hekk, la hi u lanqas il-pubbliku ma ġew ikkonsultati fit-tfassil ta' dan il-pjan, bi ksur tar-

Regolament 7 tar-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika (Leġislazzjoni Sussidjarja 549.61).

4. Ir-rikorrenti spjegat ukoll li l-pjan '*Miżieb and Aħrax Project Plan*', li fir-rigward tiegħu ngħatat il-konċessjoni, ma ġiex soġġett għall-ebda stima strateġika ambjentali, kif jirrikjedi r-Regolament 4(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.61, u lanqas ma sar eżerċizzju sabiex jiġi determinat jekk dan il-pjan hux ser ikollu effetti ambjentali sinifikanti, skont il-kriterji stabbiliti permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.61. Ir-rikorrenti spjegat li dan l-eżerċizzju kellu jsir tenut kont tal-kobor u l-firxa spazjali ta' dan il-Pjan, il-karatteristiċi naturali speċjali ta' dawn l-artijiet, u l-effetti li dan il-Pjan aktarx li ser iħalli fuq il-pajsaġġi, li għandhom status ta' protezzjoni rikonoxxut b'mod nazzjonali. Qalet li f'dan il-każ lanqas ma saret valutazzjoni tal-effetti ta' dan il-pjan fuq l-ambjent, kif jirrikjedi r-Regolament 6(1) tar-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali (L.S. 549.46). Ir-rikorrenti qalet li dawn l-istimi u valutazzjonijiet kellhom isiru sabiex jiġi mħares il-'Prinċipju Kawtelattiv', li l-Gvern huwa marbut iħares skont l-artikolu 4(1)(b) tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549). Qalet li ladarba dan il-prinċipju ma ġiex imħares meta ngħatat il-konċessjoni, it-trasferiment għandu jiġi meqjus bħala wieħed null u mingħajr effett. Ir-rikorrenti qalet wkoll li meta wieħed iqis id-daqs tat-territorju konċess, il-korrispettiv ta' €400 fis-sena huwa irriżorju, sproporzjonat u abbużiv, u qiegħed jirreka danni fil-forma ta' dħul mitluf lill-erarju pubbliku. Ir-rikorrenti għamlet riferiment għall-klawsola 8.1 tal-ftehim li tgħid li l-Ministru responsabbli għall-kaċċa u l-insib għandu jingaġġa *conservation officers,* liema uffiċjali ser ikunu qegħdin jirrispondu lill-FKNK. Qalet li dan l-obbligu impost fuq il-Ministru responsabbli għall-kaċċa u l-insib, li mhuwiex parti minn dan il-kuntratt, huwa

*res inter alios acta* fil-konfront tal-istess Ministru, u għalhekk din il-klawsola hija nulla u bla effett. Qalet ukoll li l-Awtorità ma kellha l-ebda dritt timponi obbligu bħal dan fuq il-Ministru responsabbli mill-kaċċa u l-insib, u għalhekk anki hawn l-Awtorità aġixxiet *ultra vires.* Ir-rikorrenti żiedet tgħid li l-Ministru mhux uffiċjal pubbliku, u l-ebda ministru m'għandu jkollu s-setgħa li jimpjega nies fis-settur pubbliku imħallsa minn fondi pubbliċi, u għalhekk il-klawsola 8.1 tal-ftehim hija wkoll kontra l-Kostituzzjoni, u għalhekk hija illegali. Ir-rikorrenti qalet li l-konċessjoni inkwistjoni ngħatat mingħajr konsiderazzjoni għall-fatt li l-artijiet inkwistjoni huma element ewlieni fil-pajsaġġ Malti, u għalhekk jikkostitwixxi patrimonju Malti *ai termini* tal-Kap. 445. Qalet li għalhekk din il-konċessjoni kellha tingħata biss in konformità mal-provvedimenti tal-Kap. 445, jiġifieri mis-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali li b'awtorizzazzjoni bil-miktub tal-Ministru responsabbli għall-patrimonju kulturali, u bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-proprjetà tal-Gvern, jidħol f'att ta' kurazija ma' kunsill lokali jew ma' organizzazzjoni mhux governattiva jew ma' aġenzija permezz ta' att pubbliku. Ir-rikorrenti qalet ukoll li parti mill-art konċessa bil-ftehim tinsab ħmistax-il metru 'il ġewwa mil-linja tal-kosta, u għalhekk tikkwalifika bħala 'perimetru tal-kosta' a tenur tal-artikolu 311(2) tal-Kodiċi Ċivili. Qalet li dan huwa meqjus bħala demanju pubbliku u għalhekk din l-art hija meqjusa bħala *extra commercium* skont l-artikolu 4(5) tar-Raba' Skeda tal-istess Kap. 16. Qalet li għalhekk din l-art ma tistax tkun is-suġġett ta' ftehim, skont dak li jipprovdi l-artikolu 982(2) tal-istess Kap. 16. Ir-rikorrenti qalet li dan il-punt huwa ferm importanti għaliha għaliex fl-Aħrax tal-Mellieħa hemm rotta kostali li ta' spiss tiġi użata mill-membri tagħha, liema rotta issa ser tiġi magħluqa għal żmien konsiderevoli tas-sena. Ir-rikorrenti kompliet tgħid li dik il-parti tal-konċessjoni

li tirrigwarda l-perimetru tal-kosta u l-'Miżieb and Aħrax Project Plan' li għalih ingħatat il-konċessjoni, saret bi ksur ta' diversi obbligi internazzjonali ta' Malta, fosthom dawk elenkati fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun tal-Kosta Mediterranja (il-Konvenzjoni ta' Barċellona), senjatament l-artikolu 4(3)(ċ) u l-artikolu 15, u l-Protokoll dwar il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali tal-Mediterran tal-istess Konvenzjoni. Finalment ir-rikorrenti qalet li din il-konċessjoni ngħatat għal raġunijiet mhux xierqa u abbażi ta' konsiderazzjonijiet mhux rilevanti, għaliex huma biss il-membri tal-FKNK li ser igawdu minn dan it-territorju enormi ta' madwar miljun u nofs metru kwadru, ad esklużjoni tal-kumplament tal-popolazzjoni, għal żmien twil tas-sena. Qalet li bħala riżultat ta' dan, il-membri tagħha li jeżerċitaw id-delizzju tal-mixi fil-kampanja, ser jiġu mċaħħda mid-delizzju tagħhom għal żmien twil matul is-sena.

5. L-Awtorità appellata fir-risposta tagħha eċċepiet li l-appellanta qiegħda takkampa mal-artikolu 57(1)(a) tal-Kap. 563 sabiex tistitwixxi dawn il-proċeduri, u dan sabiex tattakka d-deċiżjoni tal-Awtorità, li skont l-appellanta ttieħdet bi ksur tal-artikolu 31 tal-Kap. 573. L-Awtorità appellata qalet li dan l-artikolu tal-liġi jistipula li t-Tribunal għandu s-setgħa jirrevedi deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet wara li jkun ġie intavolat rikors minn 'persuna aggravata' b'dik id-deċiżjoni, u għalhekk l-ewwel ħaġa li trid tiġi deċiża hija jekk ir-rikorrenti tistax titqies li hija 'persuna aggravata'. L-Awtorità appellata qalet li l-punt tat-tluq għandu jkun jekk ir-rikorrenti għandhiex interess ġuridiku, dirett u personali, kif ukoll attwali, u qalet li l-appellanta m'għandhiex tali interess. Qalet li l-leġiżlatur ħaseb għal mekkaniżmu *ad hoc* dwar min jista' jittenta azzjoni bħal dik li qiegħda tipproponi l-appellanta, u l-artikolu 33(2) tal-Kap. 573 jaħseb għal mekkaniżmu

fejn il-partijiet li jkunu involuti fit-trasferiment, l-Avukat Ġenerali u membri tal-Kamra tad-Deputati jistgħu jattakkaw trasferimenti bħal dawn. Qalet li l-appellanta ma tinkwadrawx ruħha fit-termini ta’ dan id-dispost tal-liġi. L-Awtorità appellata qalet li t-trasferiment inkwistjoni huwa wieħed leġittimu, li sar in linea mal-provvedimenti tal-Kap. 573, senjatament l-artikolu 31(g)(e)(x), li jippermetti li art tal-Gvern tingħata b’kiri jekk tikkonsisti f’art li tiġi mogħtija għal raġunijiet umanitarji, filantropiċi, kulturali u soċjali. L-appellata qalet li l-FKNK għandha dimensjoni kulturali u soċjali f’dan il-pajjiż, u għalhekk l-art ingħatat lilha b’kera kif ingħataw artijiet oħra lil għaqdiet non-governattivi tul is-snin. L-appellata qalet li l-art ġiet konċessa *ai termini* tal-artikolu 31(g)(e)(x) tal-Kap. 573, u dan hija setgħet tagħmlu mingħajr il-ħtieġa ta’ ebda formalità. Qalet li b’daqshekk ma jfissirx li l-FKNK għandha xi *carte blanche* tagħmel attività jew xi operat li għandu x’jaqsam mal-ambjent jew li jolqot l-ambjent, jew tkun involuta f’tali attività jew operat, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi. L-Awtorità appellata qalet li filwaqt li l-artikolu 70A tal-Kap. 549 jagħti s-setgħa lill-Ministru tal-Ambjent, jagħmel permezz ta’ att pubbliku, att ta’ kurazija ma’ organizzazzjonijiet non-governattivi, dan m’għandux ifisser li l-artikolu 31 tal-Kap. 573 ma jistax jintuża indipendentement minn hekk. L-Awtorità appellata qalet ukoll li r-riferiment għall-artikolu 28 tal-Kap. 573 sar mingħajr rilevanza għas-sitwazzjoni odjerna, għaliex f’dan il-każ hija mhijiex qiegħda tiddelega xi poter mill-funzjonijiet li hija tenuta twettaq skont il-liġi. Qalet ukoll li fejn isir riferiment għall-artikolu 31 *et seq.* tal-Kap. 573, l-artikolu 31(g)(e)(x) speċifikament jippermetti li art tal-Gvern tista’ tingħata b’kiri jekk tikkonsisti f’art li tiġi mogħtija għal raġunijiet umanitarji, filantropiċi, kulturali jew soċjali, u l-FKNK għandha dimensjoni kulturali u soċjali f’dan il-pajjiż. L-

appellata żiedet tgħid li l-artikolu 15 tal-*Memorandum of Understanding* li tagħmel riferiment għaliha r-rikorrenti, jistipula b'mod ċar li dan il-ftehim ma jeżentax lill-FKNK mill-ħtieġa li tikseb il-permessi neċessarji, inklużi dawk meħtieġa mill-ERA għall-implimentazzjoni tas-servizzi elenkati fl-MOU, u eċċepiet ukoll li b'dan il-ftehim l-FKNK ma ngħatatx *carte blanche* tagħmel li trid. L-Awtorità appellata qalet ukoll li meta wieħed jgħid li l-kumpens annwali ta' €400 huwa wieħed irriżorju, wieħed irid jiftakar li hawn si tratta ta' organizzazzjoni b'dimensjoni kulturali u soċjali, li ma ġietx imwaqqfa biex tagħmel profitti, u li wieħed irid jikkonsidra din iċ-ċifra fil-kuntest tal-obbligi li tgħabbiet bihom l-FKNK. L-Awtorità appellata għamlet riferiment ukoll għall-paragrafu 19.2 tal-kuntratt, li jgħid li jekk xi parti mill-ftehim jinsab li huwa illegali, jew li ma jistax jiġi infurzat taħt il-liġi viġenti, id-dispożizzjoni li tkun illegali għandha titqies li ma tiffurmax parti minn dan il-ftehim. L-Awtorità appellata qalet ukoll li l-artikolu 64 tal-Kap. 445 jipprovdi għal proċedura biex anki s-Sovrintendent tal-Wirt Kulturali, b'att pubbliku, jidħol f'kurazija ma' enti non-governattiva. Qalet li dan ma jfissirx li l-Awtorità tal-Artijiet ma tistax tgħaddi art lil xi enti governattiva bil-mekkaniżmu ravviżat fl-artikolu 31 tal-Kap. 573 indipendentement. L-appellata qalet ukoll li mhux minnu li l-art konċessa b'dan il-ftehim tinsab fil-perimetru tal-kosta, u kuntrarjament għal dak li qiegħda tgħid ir-rikorrenti, 'permess amministrattiv' jinkludi speċifikament l-għoti ta' konċessjonijiet, għall-kuntrarju ta' trasferimenti b'mezzi oħra. L-appellata qalet li mhux minnu li dan il-ftehim jikser l-obbligi internazzjonali ta' Malta, fosthom dawk elenkati fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun tal-Kosta Mediterranja.

6. Ir-rikorrenti ppreżentat *affidavit* ta' **Ingram Bondin,** President ta' *The Ramblers' Association of Malta,* li qal li l-għaqda twaqqfet bil-ħsieb li tippreserva d-dritt ta' aċċess tal-pubbliku għall-kampanja u għall-kosta, kif ukoll sabiex torganizza mixjiet fil-kampanja għall-membri tagħha. Qal li fis-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru, 2019, l-għaqda kellha 364 membru li jħallsu l-miżata annwali, u organizzat 70 mixja f'inħawi differenti ta' Malta. Ix-xhud qal li l-mixjiet organizzati mill-għaqda mhumiex biss mezz ta' rikreazzjoni u eżerċizzju għall-membri, iżda huma maħsuba biex isawru apprezzament akbar lejn il-wirt naturali, storiku u kulturali tal-pajjiż fost il-membri tal-għaqda. Qal li fost ir-rotot hemm dawk tal-Aħrax tal-Mellieħa u tal-Miżieb, liema rotot jieħdu lill-individwi f'siti Natura 2000, u dawn ir-rotot huma karatterizzati minn pajsaġġ ta' rdum, meded ta' kosta, daħliet u bajjiet, widien għammiela u anki bosk. Ix-xhud qal li kemm ilha mwaqqfa l-għaqda, il-membri tagħha gawdew minn dritt ta' aċċess għal dawn is-siti pubbliċi mingħajr ebda ostakolu. Ix-xhud qal li l-problema ta' ostakolu għall-aċċess pubbliku li nħolqot bil-ftehim, kienet tkun evidenti li kieku l-Awtorità appellata għamlet il-konsultazzjoni pubblika prevista mil-liġi għal konċessjonijiet ta' din l-iskala. Qal li l-ftehim milħuq mal-FKNK jagħti setgħat ġodda lill-membri tal-istess FKNK sabiex jostakolaw lill-pubbliku fit-tgawdija ta' dawn is-siti. Qal li t-tħassib tal-għaqda rappreżentata minnu huwa akbar, għaliex fl-2013, l-FKNK kienet ħarġet direttiva lill-membri tagħha sabiex dawn jostakolaw lill-membri tar-rikorrenti milli jimxu fil-kampanja, meta dawn jgħaddu minn fuq artijiet hekk imsejħa 'privati' li jintużaw mill-kaċċaturi. Qal li dan sar b'ritaljazzjoni għall-fatt li l-għaqda rappreżentata minnu kienet sostniet li hija taqbel mar-Referendum dwar il-Kaċċa fir-Rebbiegħa.

7. Ix-xhud **Ingram Bondin** xehed quddiem it-Tribunal fejn spjega li l-assoċjazzjoni rikorrenti għandha interess f'din il-kawża għaliex hija torganizza għadd ta' mixjiet fis-siti milquta bil-ftehim, u hemm il-biżgħa li tiġi ostakolata milli tkompli torganizza l-mixjiet f'dawn iż-żewġ siti. Spjega li bil-ftehim, l-aċċess tal-pubbliku għal dawn is-siti huwa ristrett għal disa' xhur tas-sena. Ix-xhud qal li l-assoċjazzjoni rappreżentata minnu qatt ma ġiet notifikata bil-ftehim iffirmat mill-Awtorità u l-FKNK.

## Is-Sentenza Appellata

8. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-21 ta' Jannar, 2021, it-Tribunal iddeċieda li l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità intimata għandha tiġi milqugħa, u għalhekk iddikjara li r-rikorrenti ma tikkwalifikax bħala 'persuna aggravata' *ai termini* tal-artikolu 57(1) tal-Kap. 563, u għalhekk ma tistax tintavola l-azzjoni odjerna quddiemu, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi r-rikorrenti pproċediet bir-rikors in kwistjoni stante li ssostni li ftehim iffirmat fid-9 ta' Ottubru, 2020 bejn l-Awtorità intimata u l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) għandu diversi irregolaritajiet u illegalitajiet. Għaldaqstant qiegħda titlob illi dan it-Tribunal jiddikjara l-istess ftehim bħala null u bla effett.*
>
> *Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fid-9 ta' Ottubru, 2020 l-Awtorità intimata u l-FKNK daħlu fi ftehim ta'* 'management and operation' *tas-siti tal-Aħrax, fil-limiti tal-Mellieħa u l-Miżieb għal żmien tliet (3) snin. (fn. 1 esebit a fol. 43 et seq). Fl-istess ġurnata, l-FKNK iffirmat* Memorandum of Understanding *intitolat* 'Memorandum of Understanding (MoU) for the conservation of the natural environment of l-Aħrax (l/o Mellieħa) and Miżieb' *mal-Ministru tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ippjanar u mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi stante li s-sit konċess kien jinkludi diversi siti u speċi protetti taħt l-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent. (fn. 2 esebit a fol. 57 et seq).*
>
> *Illi r-rikorrenti tispjega illi hija saret taf b'dan il-ftehim mingħand il-mezzi tax-xandir.*

*Illi huwa ċar u inkontestat illi r-rikorrenti ma kinitx parti mill-ftehim tad-9 ta' Ottubru, 2020. Madankollu, Ingram Bondin, President tal-Assoċjazzjoni rikorrenti, xehed illi l-għan tar-rikorrenti huwa li tippreserva d-dritt ta' aċċess tal-pubbliku għall-kampanja u għall-kosta, u kif ukoll sabiex torganizza mixjiet fil-kampanja għall-membri tagħha. Għalhekk ir-rikorrenti għandha interess li s-siti in kwistjoni ma jkunux ristretti għal attivitajiet ta' grupp żgħir ta' nies a skapitu tal-pubbliku in ġenerali.*

***Ikkunsidra:***

*Illi meta l-leġislatur ikkrea dan it-Tribunal permezz tal-Att V tal-2007, kien diġà fis-seħħ l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mid-dibattiti Parlamentari li wasslu għall-promulgazzjoni tal-imsemmi Att jirriżulta illi l-idea oriġinali kienet li tinħoloq Qorti Amministrattiva waħda li tkun kompetenti li tisma' kwalunkwe ilment, inkluż ta' xejra kostituzzjonali, kontra awtorità pubblika. Madanakollu tant kien hemm diżgwid fuq din il-linja ta' ħsieb, li l-istess idea ġiet abbandunata biex b'hekk inħoloq dan it-Tribunal filwaqt li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili baqgħet kompetenti li tisma' kawżi mressqin abbażi tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 (fn. 3 ara b'mod partikolari d-Dibattiti tas-Seduti Parlamentari li nżammu fis-26 ta' Novembru, 2006, fid-29 ta' Novembru, 2006 u fis-17 ta' Jannar, 2007). Illi għalhekk, għalkemm jista' jkun hemm każijiet fejn il-kompetenza tat-Tribunal u tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ikunu paralleli, hemm istanti oħra, imsemmija espressament f'artikolu 469A, fejn il-Prim'Awla biss għandha ġurisdizzjoni dwarhom.*

*Illi l-kompetenza ta' dan it-Tribunal temani minn artikolu 5 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva), liema artikolu jgħid is-segwenti:*

"5 (1) Qiegħed jiġi stabbilit skont id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrevedi l-atti amministrattivi istitwiti quddiemu skont dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.

(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda jkollu l-kompetenza li **jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Revżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi.**" *(fn. 4 Enfasi tat-Tribunal)*

*Illi proprju waħda mil-liġijiet speċjali li tagħti kompetenza lil dan it-Tribunal huwa l-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet) u li abbażi tagħha r-rikorrenti intavolaw ir-rikors odjern.*

*Illi permezz tal-eċċezzjoni preliminari tagħha, l-Awtorità intimata tisħaq, però, illi l-ebda wieħed jew waħda mir-rikorrenti ma seta' jippromwovi l-azzjoni odjerna quddiem dan it-Tribunal, u dana għaliex l-istess rikorrenti ma jistgħux jitqiesu la bħala 'persuni aggravati' u lanqas li għandhom interess ġuridiku neċessarju għal tali azzjoni. Fl-istess eċċezzjoni jiġi rilevat illi a differenza ta' kwistjonijiet ta' Ippjanar, l-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet jagħti* **locus standi** *biss lil* ***partijiet aggravati b'xi deċiżjoni tal-Awtorità*** *u kwindi l-persuna aggravata trid tkun is-suġġett li lilha hija diretta d-deċiżjoni tal-Awtorità.*

*Illi dan it-Tribunal iqis illi f'din l-eċċezzjoni hemm proprjament żewġ eċċezzjonijiet li għalkemm jistgħu jkunu relatati ma' xulxin, u ċioe, jekk ir-rikorrenti għandhomx* locus standi *quddiem dan it-Tribunal skont artikolu 57 tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta, u jekk it-tweġiba tkun fl-affermattiv, jekk ir-rikorrenti għandhomx dak l-interess ġuridiku neċessarju biex jeżerċitaw l-azzjoni odjerna. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal ikun għaqli li dawn iż-żewġ kwistjonijiet jinżammu separati u distinti minn xulxin.*

*Illi l-ewwel kwistjoni li se tiġi eżaminata minn dan it-Tribunal hija jekk ir-rikorrenti għandhiex* **locus standi** *quddiemu.*

*Illi l-Awtorità intimata tisħaq li m'għandhiex. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, din is-sottomissjoni ssib konfort fil-proviso ta' artikolu 57(1) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid is-segwenti:*

"(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma' u jiddetermina:

(a) L-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità; u

(b) L-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità:
**Iżda wkoll, sakemm ma jkunx preskritt mil-liġi, oġġezzjoni magħmula skont dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandha tiġi ppreżentata fi żmien għoxrin ġurnata <u>minn meta dik il-persuna tirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità</u>**." *(fn. 5 enfasi tat-Tribunal)*

*Illi minn dan il-proviso joħroġ ċar illi l-intenzjoni tal-Leġislatur kienet illi dawk il-persuni li* ***<u>jiġu notifikati b'deċiżjoni tal-Awtorità</u>*** *fil-konfront tagħhom li għandhom dritt jirrikorru għal rimedju quddiem dan it-Tribunal. Tant hu hekk li t-terminu tal-*

*appell jibda għaddej minn* ***<u>meta l-persuna tirċievi d-deċiżjoni aggravanti</u>.*** *Li kieku kienet l-intenzjoni tal-Leġislatur illi jagħti dritt ta' appell iktar wiesgħa u kif qegħdin jipprospettawh ir-rikorrenti, allura t-termini entro liema jista' jsir appell kienu jkunu definiti mod ieħor. F'dan il-każ, ir-rikorrenti saru jafu bid-deċiżjoni mhux għax irċevewha wara li ttieħdet, imma għaliex semgħu mill-mezzi tax-xandir.*

*Illi l-fehma ta' dan it-Tribunal hija wkoll imsaħħa min-nota mniżżla fil-marġini tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta li taqra "Dritt ta' Appell". Illi dak li essenzjalment huwa kompetenti li jisma' dan it-Tribunal huma 'appelli' minn xi att amministrattiv u mhux li jagħmel reviżjoni tal-att skont l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu baqa'* in vigore *nonostante l-promulgazzjoni tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta. Dana għaliex il-leġislatur ħass li t-Tribunal m'għandux ikollu l-kompetenza wiesgħa ta' reviżjoni ta' atti amministrattivi li għandhom il-Qarti ordinarji u għalhekk, taħt kull liġi speċjali li tagħti kompetenza lil dan it-Tribunal, wieħed isib elenkati l-istanzi u l-metodu kif wieħed jista' jappella quddiem dan it-Tribunal. Li hu żgur huwa li mhux ammissibbli appell quddiem dan it-Tribunal minn terzi li ma jkunx il-persuna suġġett tad-deċiżjoni appellata.*

*Illi dan it-Tribunal jirrileva illi abbażi ta' dan ir-raġunament, fil-passat riċenti kellu okkażjonijiet fejn ċaħad rikorsi minn terzi sabiex jintervjenu f'appelli intavolati quddiemu minn persuni aggravati b'deċiżjonijiet ta' awtoritajiet pubbliċi (fn. 6 Ara digriet mogħti minn dan it-Tribunal datat 29 ta' Ottubru, 2018 fir-Rikors numru 71/18 fl-ismijiet* ***S. Camilleri Caterers Limited vs l-Awtorità tal-Artijiet****). Terzi li jkunu tal-fehma li deċiżjoni meħuda fil-konfront ta' xi persuna oħra tkun ippreġudikatilhom id-drittijiet tagħhom, għandhom rimedji oħra quddiem il-Qrati ordinarji iżda mhux quddiem dan it-Tribunal.*

*Illi għalhekk, ir-rimedju mogħti permezz tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta ma huwiex disponibbli għal kwalunkwe persuna li tħossha 'aggravata' b'xi att tal-Awtorità intimata. Persuna li ma tkunx direttament is-suġġett tad-deċiżjoni jew ta' att amministrattiv jista' jkollu rimedju ieħor, però mhux quddiem dan it-Tribunal li l-kompetenza tiegħu hija waħda ferm limitata u ċirkoskritta bit-termini tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 57(1) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi di piu, permezz tar-raba' aggravju, ir-rikorrenti tisħaq illi l-ftehim sar bi* ***ksur tal-artikolu 31 tal-Kapitolu 573*** *għaliex l-istess artikolu imkien ma jikkontempla trasferiment ta' art tal-Gvern permezz ta'* guardianship deed *avolja jikkontempla diversi modi differenti ta' trasferiment, inkluż ukoll trasferiment ta' drittijiet in personam.*

*Illi permezz tal-eċċezzjoni preliminari, l-Awtorità intimata tisħaq illi la darba r-rikorrenti qegħda tallega li tali ftehim imur kontra l-artikolu 31 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, allura ċertament, għal darba oħra, dan it-Tribunal mhux il-forum kompetenti.*

*Illi artikolu 31 tal-Kapitolu 573 jelenka d-diversi metodi ta' trasferiment ta' art pubblika. Illi mbagħad artikolu 33 jelenka kif tali trasferiment jistgħu jiġu attakkati jekk ma jsirux skont l-artikolu 31, u ċioe:*

> **"(1) Kull trasferiment ta' art li għaliha japplika l-artikolu 31 li jsir xort'oħra milli skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkun null u bla effett.**
>
> **(2) In-nullità ta' trasferiment magħmul bi ksur tal-imsemmi artikolu tista' tintalab mill-partijiet li jkunu involuti fit-trasferiment, mill-Avukat Ġenerali jew minn xi persuna li tkun membru tal-Kamra tad-Deputati fiż-żmien tat-talba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili."**

*Illi għalhekk joħroġ ċar illi huma biss il-qrati ordinarji li huma kompetenti jippronunzjaw irwieħhom dwar il-kwistjoni ta' nullità ta' trasferiment, u dan meta l-azzjoni tkun promossa mill-persuni elenkati fl-istess artikolu, u ċioe, **<u>il-partijiet involuti fit-trasferiment, l-Avukat Ġenerali jew xi membru tal-Kamra tad-Deputati</u>.** Illi l-ebda wieħed jew waħda mir-rikorrenti ma jirriżulta li huma xi wieħed jew waħda minn dawn il-persuni.*

*Illi sorvolata l-kwistjoni tal-*locus standi *tar-rikorrenti, it-Tribunal se jgħaddi biex jeżamina jekk ir-rikorrenti m'għandhiex dak l-'**interess ġuridiku**' neċessarju biex tippromwovi l-azzjoni odjerna. Illi dwar dan il-punt id-difensuri tal-partijiet għamlu diversi sottomissjonijiet u ċċitaw ġurisprudenza kemm lokali u kemm barranija. Filwaqt li l-Awtorità intimata qiegħda tankra l-interpretazzjoni tagħha mad-definizzjoni tradizzjonali ta' x'jikkostitwixxi 'interess ġuridiku', ir-rikorrenti tisħaq illi l-istess kunċett irid jiġi interpretat b'mod iktar wiesgħa u liberali, u dan anke in vista tal-artikolu 10(1) tad-Direttiva 2003/35 tal-Unjoni Ewropea li jgħid is-segwenti:*

> "Member States shall ensure that, in accordance with the relevant national legal system, members of the public concerned:
>
> (a) Having a sufficient interest, or alternatively, maintaining the impairment of a right, where administrative procedural law of a Member State requires this as a precondition, have access to a review procedure before a court of law or another independent and impartial body established by law to challenge the substantive or procedural legality of decisions, acts or omissions subject to the public participation provisions of this Directive.

(b) Member States shall determine at what stage the decisions, acts or omissions may be challenged.

What constitutes a sufficient interest and impairment of a right shall be determined by the Member States, consistently with the objective of giving the public concerned wide access to justice. To this end, the interest of any non-governmental organisation meeting the requirements referred to in Article 1(2), shall be deemed sufficient for the purpose of subparagraph (a) of this Article. Such organisations shall also be deemed to have rights capable of being impaired for the purpose of subparagraph (b) of this Article.

The provisions of this Article shall not exclude the possibility of a preliminary review procedure before an administrative authority and shall not affect the requirement of exhaustion of administrative review procedures prior to recourse to judicial review procedures, where such a requirement exists under national law.

Any such procedure shall not exclude the possibility of a preliminary review procedure before an administrative authority and shall not affect the requirement of exhaustion of administrative review procedures prior to recourse to judicial review procedures, where such a requirements exists under national law.

Any such procedure shall be fair, equitable, timely and not prohibitively expensive.

In order to further the effectiveness of the provisions of this article, Member States shall ensure that practical information is made available to the public on access to administrative and judicial review procedures." (fn. 7 it-Tribunal qiegħed jiċċita l-verżjoni Ingliża għaliex fil-verżjoni Maltija hemm kliem li fil-fehma umli tat-Tribunal ma tantx jagħmlu sens meta dawn ġew tradotti mill-Ingliż)

*Jirriżulta illi l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva ġew studjati fil-fond tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Is-Soċjetà The Ramblers' Association of Malta vs l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et.** (fn. 8 27 ta' Mejju, 2016). F'din is-sentenza l-Qorti rrevokat is-sentenza tal-Prim'Awla li kienet laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku tal-Assoċjazzjoni attriċi. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell, wara li tat effett dirett lill-istess Direttiva (fn. 9 Dana peress li l-artikolu 10(a) tad-Direttiva 2003/35 ma kienx għadu ġie implimentat fil-liġi Maltija), qieset ukoll is-segwenti:*

"32. Fil-fehma tal-qorti d-dritt mogħti taħt id-Direttiva huwa biżżejjed preċiż: dak li jagħti lil persuni interessati aċċess għal rimedju ġudizzjarju 'għalbiex jisfida l-legalità sostanzjali jew proċedurali tad-deċiżjonijiet, l-atti jew l-omissjonijiet' tal-awtoritajiet li jkollhom impatt ambjentali, fosthom għalhekk omissjoni bħal dik li l-atturi jgħidu li hija responsabbli għaliha l-Awtorità konvenuta meta ma ratx li ma jsirx żvilupp mingħajr permess li jiswa.

33. Għalkemm jista' jingħad illi l-ħtieġa illi 'dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti u l-indebboliment ta' dritt għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri' tista' titqies bħala kundizzjoni li, fiż-żmien rilevanti kienet għadha ma tħarsitx, madankollu, persuni bħal ma hija s-soċjetà attriċi ma jintlaqatx b'dik il-kondizzjoni għax id-Direttiva stess tgħid illi: 'l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa l-ħtiġijiet riferiti fl-artikolu 1(2) għandu jitqies biżżejjed għall-għan tas-subparagrafu (a) ta' dan l-Artikolu. Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet kapaċi li jiġu indebboliti għall-għan tas-subparagrafu (b) ta' dan l-Artikolu.'

34. Dan juri ċar illi l-attriċi għandha 'drittijiet kapaċi li jiġu indebboliti' – jew, bil-Malti tajjeb, drittijiet li jistgħu jintlaqtu ħażin – f'materja ambjentali u għandha wkoll l-interess meħtieġ biex ikollha aċċess għal stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil jew l-omissjoni tal-Awtorità konvenuta.

35. Il-konklużjoni mela għandha tkun i. Illi t-tifsira tad-Direttiva hija ċara biżżejjed li ma teħtieġx interpretazzjoni, u għaldaqstant ma hija meħtieġa ebda deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja, u ii. Illi l-attriċi għandha interess ġuridiku illi jagħtiha leġittimazzjoni attiva biex tmexxi b'din l-azzjoni tallum. L-ewwel aggravju għandu għalhekk jintlaqa', u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Said u Scerri tiġi miċħuda."

*Illi għalhekk jirriżulta li l-Qorti tal-Appell qieset illi abbażi tad-Direttiva 2003/35, illum implimentata permezz ta' artikolu 41A tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp), l-Assoċjazzjoni attriċi kellha dak l-interess ġuridiku li jippermettilha tintavola din l-azzjoni, liema azzjoni kienet essenzjalment dwar kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' permess tal-Ippjanar.*

*Illi però jiġi rilevat illi l-implimentazzjoni tad-Direttiva msemmija permezz ta' artikolu 41A tal-Kapitolu 504 tgħid is-segwenti:-*

"(1) Membri tal-pubbliku kkonċernat li għandhom interess suffiċjenti jkollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem it-Tribunal (fn. 10 B'referenza għat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar) biex jopponu l-legalità sostantiva jew proċedurali ta' kull deċiżjoni, att jew omissjoni li għandhom x'jaqsmu ma'

żvilupp jew stallazzjoni li hi soġġetta għal studju dwar l-impatt ambjentali ('EIA') jew permess dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis ('IPPC').

(2) Appell bħal dan jista' jiġi ppreżentat fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni finali tal-Awtorità:

Iżda appell bħal dan jista' jkollu x'jaqsam ma' jew ikun fih oġġezzjoni għal xi att jew omissjoni li jkunu twettqu f'xi żmien waqt il-proċess tal-EIA jew tal-IPPC li wassal għad-deċiżjoni in kwistjoni.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), l-interess ta' xi organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent u li tkun reġistrata taħt l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji għandu jitqies bħala suffiċjenti.

(4) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 41 għandhom, mutatis mutandis, jgħoddu għall-proċeduri ta' reviżjoni skont dan l-artikolu."

*Illi f'dan l-istadju, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi m'għandux jesprimi ruħhu dwar jekk ir-rikorrenti m'għandhiex jew le l-interess ġuridiku neċessarju sabiex tattakka l-ftehim tad-9 ta' Ottubru, 2020, ladarba se jiddeċiedi li ma għandhiex* locus standi *quddiemu. It-Tribunal huwa tal-fehma li jkun għaqli li jħalli impreġudikata din il-kwistjoni, sabiex jekk ikun il-każ, l-istess tiġi dibattuta quddiem il-forum appożitu.*

***Decide***

*Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti u in kwantu konsistenti ma' dak li ntqal hawn, qiegħed jilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità intimata fis-sens illi jiddikjara illi r-rikorrenti ma tikkwalifikax bħala 'persuna aggravata'* ai termini *tal-artikolu 57(1) tal-kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant ma setgħetx tintavola l-azzjoni odjerna quddiemu.*

*It-Tribunal qiegħed jastjeni milli jippronunzja ruħhu dwar l-eċċezzjoni dwar l-interess ġuridiku tar-rikorrenti u dana sabiex ma jippreġudikax il-posizzjoni tal-partijiet quddiem fora oħra.*

*Għaldaqstant it-Tribunal jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Assoċjazzjoni rikorrenti."*

**L-Appell**

9. Ir-rikorrenti ressqet l-appell tagħha mid-deċiżjoni tat-Tribunal fil-11 ta' Frar, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tħassar is-sentenza preliminari tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tal-21 ta' Jannar tas-sena 2021 u tordna lill-istess Tribunal sabiex jipproċedi bis-smigħ tal-kawża, jew fin-nuqqas, tiddekreta t-trasferiment ta' dina l-kawża lil dik il-qorti jew tribunal illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi għandha tisma' l-lanjanzi tal-appellanta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."*

10. L-appellanta spjegat li hija ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal, fl-ewwel lok minħabba l-mod kif it-Tribunal fired id-duttrina tal-*locus standi* minn dik tal-interess ġuridiku. Qalet li din hija interpretazzjoni ażżardata tal-liġi, għaliex tali distinzjoni mhijiex ibbażata fil-liġi u fil-ġurisprudenza, iżda hija formalità eċċessiva li jaf ikollha konsegwenzi serji minħabba li qiegħda ċċaħħad lill-appellanta minn aċċess għal tribunal speċjalizzat fil-ġustizzja amministrattiva, u minflok qiegħda tikkostrinġih jirrikorri quddiem fora oħra. L-appellanta qalet li fid-dritt pubbliku Ingliż, li influwenza mhux ftit l-iżvilupp tad-dritt amministrattiv tagħna u tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' azzjonijiet amministrattivi f'pajjiżna, illum ma ssir ebda distinzjoni bejn il-kunċett tal-*locus standi* u dak tal-interess ġuridiku. Kompliet tgħid li tali distinzjoni lanqas ma jidher li qatt saret minn xi Qorti jew Tribunal Malti, u għalhekk it-Tribunal żbalja meta ssepara d-duttrina tal-*locus standi* minn dik tal-interess ġuridiku. L-appellanta qalet ukoll li fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, it-Tribunal żbalja l-kunċett ta' 'interess ġuridiku' ma' dak ta' 'relazzjoni ġuridika'. L-appellanta qalet li għalhekk it-Tribunal għamel apprezzament żbaljat għaliex iddistingwa l-kunċett tal-*locus standi* u dak tal-interess ġuridiku, u ibbaża ruħu fuq materja ta' indoli

sostantiva, ir-relazzjoni ġuridika, biex jilqa' l-eċċezzjoni proċedurali, in-nuqqas ta' *locus standi* jew interess ġuridiku, u dan qabel ma sema' l-provi u s-sottomissjonijiet fil-mertu. L-appellanta qalet li r-relazzjoni ġuridika bejnha u l-appellata toħroġ mill-aġir kolpuż tal-Awtorità appellata, meta bl-atti u l-omissjonijiet tagħha, din naqset milli tapplika d-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja u kisret għadd ta' obbligi imposti fuqha bil-liġi.

11. L-appellanta qalet li huwa proprju minn din ir-relazzjoni ġuridika li jiskaturixxi l-interess ġuridiku tal-appellanta, u fil-fehma tagħha kien għalhekk li t-Tribunal żbalja meta dan naqas milli jippronunzja ruħu dwar l-interess ġuridiku tal-appellanta.

12. L-appellanta għamlet riferiment għad-deċiżjoni fl-ismijiet **MrBookmaker.com Ltd *vs.* Stichting De Nationale Sporttotalisator, entità estera,** tas-17 ta' Mejju, 2011, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili elenkat il-prinċipji li jsawru l-interess ġuridiku u stabbiliet illi (i) l-interess ġuridiku jrid ikun attwali; dirett; leġittimu; ġuridiku; (ii) l-azzjoni trid tkun kapaċi li twassal lill-attur għall-kisba ta' vantaġġ u utilità; (iii) l-interess ġuridiku għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur; (iv) il-kawża trid tkun tista' tipproduċi riżultat utili jew vantaġġuż għalih; (v) irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbużiv u illegali allegatament kommess mill-konvenuti u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur; u (vi) ma jistax ikun ipotetiku. L-appellanta żiedet tgħid li kieku wieħed kellu jagħrbel ix-xhieda ta' Ingram Bondin, President tal-Assoċjazzjoni appellanta, jirriżulta ċar li dawn ir-rekwiżiti huma sodisfatti kollha minnha. Qalet li l-interess ġuridiku tagħha huwa attwali għaliex li kieku mhux għall-ftehim impunjat, l-

appellanta kien ikollha dritt ta' aċċess għall-artijiet mertu ta' dawn il-proċeduri, u preżentament qiegħda tiġi mċaħħda minn dan il-jedd. Qalet ukoll li l-interess ġuridiku tagħha huwa dirett stante li l-vjolazzjoni li qed tbati hija konsegwenza tal-att impunjat biss. Qalet li l-interess ġuridiku tagħha huwa wkoll wieħed leġittimu għaliex huwa radikat fil-liġi in ġenerali u partikolarment fil-liġi tad-demanju pubbliku. Żiedet tgħid li l-interess tagħha huwa wieħed ġuridiku għaliex permezz ta' dan l-interess, l-appellanta tista' tikseb rimedju mill-Qorti li jista' jipproduċi riżultat utili u vantaġġuż għaliha, għaliex jekk l-azzjoni legali tirnexxi, ir-rikorrenti tista' terġa' tibda tgawdi l-aċċess għal imsemmija siti. Qalet li hemm ukoll ness kawżali ġuridiku għaliex l-unika kawża immedjata u prossima tal-preġudizzju lamentat minnha huwa l-aġir tal-Awtorità appellanta, u aktar minn hekk l-interess tagħha żgur li mhux wieħed ipotetiku, għaliex dan l-istat ta' fatt qiegħed jikkawża preġudizzju reali u tanġibbli lill-appellanta. Qalet li għalhekk anki li kieku wieħed kellu japplika bl-aktar mod strett il-prinċipji tradizzjonali tal-interess ġuridiku, jirriżulta li l-appellanta għandha interess mill-aktar ċar quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Qalet li l-interess ġuridiku tagħha ġej mill-fatt li bħala għaqda mhux governattiva, hija għażlet li tibda azzjoni fuq kwistjoni ta' natura soċjoambjentali, anki meta wieħed jikkonsidra li l-Qrati qegħdin iwessgħu l-kunċett ta' interess ġuridiku billi jabbraċċaw il-kunċett ta' interessi kollettivi u diffużi, sabiex għaqdiet bħall-appellanta jingħataw il-*locus standi* meħtieġ f'azzjonijiet ta' din ix-xorta. Qalet ukoll li bħala għaqda hija għandha personalità ġuridika distinta u separata, taqdi numru ta' funzjonijiet li huma importanti għaliha, u għalhekk għandha tingħata d-dritt li ssemma leħinha f'materja li kienet ser tolqot lilha, lill-membri tagħha u lill-pubbliku in ġenerali.

13. L-appellanta għamlet riferiment għall-allegazzjoni tagħha ta' ksur ta' obbligi internazzjonali mill-Awtorità appellata, fosthom dawk li jemanu mid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju, 2003, li jipprovdi għal parteċipazzjoni pubblika rigward it-tħejjija ta' Pjanijiet u Programmi li jirrigwardaw l-ambjent u li tgħin timplimenta l-Konvenzjoni ta' Aarhus, u li jemanu mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun tal-Kosta Mediterranja.

14. It-tieni aggravju tal-appellanta jirrigwarda l-fatt li l-azzjoni mibdija minnha hija bbażata fuq l-artikolu 57(1)(a) tal-Kap. 563. L-appellanta qalet li skont it-Tribunal, hija m'għandhiex il-*locus standi* meħtieġ biex tipproponi azzjoni ta' din ix-xorta, ladarba hija ma kinitx parti min-negozjati u mill-ftehim, u ladarba hija ma ġietx notifikata bid-deċiżjoni impunjata, imma ġiet mgħarrfa biha mill-mezzi tax-xandir. L-appellanta qalet li dan ir-raġunament ma jsib l-ebda bażi fil-liġi, għaliex m'hemm l-ebda provvediment li jeskludi 'terzi' milli jfittxu rimedju legali taħt l-artikolu 57(1)(a) tal-Kap. 563. L-appellanta spjegat li l-azzjoni mibdija minnha quddiem it-Tribunal ma tistax titqies bħala *third party appeal,* iżda hija talba għal stħarriġ ġudizzjarju ta' att amministrattiv.

15. It-tielet aggravju tal-appellanta jikkonċerna l-asserzjoni tat-Tribunal li r-rimedju akkordat bl-artikolu 57 tal-Kap. 563 mhuwiex disponibbli għal kwalunkwe persuna li tħossha 'aggravata' b'xi att tal-Awtorità appellata. Qalet li din l-asserzjoni tat-Tribunal tidher li qiegħda tisfida direttament dak li l-leġiżlatur iddispona fl-artikolu 57(1)(a) tal-Att. L-appellanta għamlet riferiment għall-prinċipju li *contra scriptum non est argumentum,* u qalet li mil-liġi jirriżulta li m'hemm ebda rekwiżit ieħor biex wieħed jadixxi lit-Tribunal għajr li persuna

tħossha aggravata minn xi deċiżjoni tal-Awtorità appellata sabiex ikollha *locus standi* fi proċeduri taħt l-artikolu 57(1)(a) tal-Kap. 563. Qalet li sta għat-Tribunal imbagħad li jevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet fil-mertu sabiex jara jekk l-appellanta hix tabilħaqq persuna aggravata, u jekk jistabbilixxi li dan ikun il-każ, iqis ir-responsabbilità tal-Awtorità u l-gravità tal-aggravju sabiex jordna rimedju skont il-liġi. Qalet li persuna m'għandhiex tiġi mċaħħda mid-dritt ta' azzjoni taħt l-artikolu 57(1)(a) tal-Kap. 563 għaliex hija ma titqiesx li hija persuna aggravata, qabel tingħata l-opportunità tressaq il-provi u s-sottomissjonijiet tagħha. L-appellanta spjegat li minn qari akkurat tal-artikoli 57(1)(a) u 57(1)(b) tal-Kap. 563, wieħed jista' jifhem li l-leġiżlatur ipprovda għal żewġ ċirkostanzi differenti fejn persuna għandu jkollha *locus standi* quddiem it-Tribunal. Qalet li l-ewwel ċirkostanza hija dik li japplika għaliha l-artikolu 57(1)(a) tal-Kap. 563, li huwa l-artikolu li jifforma l-bażi ta' din l-azzjoni, u li jipprovdi għal ċirkostanza fejn persuna tħossha aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità, irrispettivament minn jekk tali persuna tiġix notifikata jew le bid-deċiżjoni. Qalet li l-fatt li l-persuna ma tiġix notifikata bid-deċiżjoni, m'għandux iċaħħadha mill-protezzjoni li toffri din id-dispożizzjoni tal-liġi. L-appellanta spjegat li t-tieni ċirkostanza li jikkontempla l-artikolu 57(1)(b) tal-Kap. 563 hija dwar meta persuna tħossha aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuqha. L-appellanta qalet li d-differenza bejn dak li jipprovdu s-subinċiż (1)(a) u (1)(b) ma tistax ħlief tfisser li l-leġiżlatur ried li t-Tribunal ikollu kompetenza jisma' u jiddeċiedi ilmenti anke minn terzi, u anke fejn dawn ma jkunux ġew notifikati direttament bid-deċiżjoni għaliex huma terzi. L-appellanta qalet li l-artikolu 57(1) tal-Kap. 563 ma kienx intiż biex jinqara waħdu, iżda flimkien mal-artikolu 7 tal-Kap. 490, li jipprovdi li t-Tribunal għandu jkun kompetenti li jirrevedi atti

amministrattivi, u fejn xi liġi speċjali tassenja kompetenza lit-Tribunal, u sakemm xi dispożizzjoni tal-liġi ma tippreskrivix terminu perentorju għall-preżentata ta' talba għar-reviżjoni mit-Tribunal, talba biex jiġu riveduti atti ta' amministrazzjoni taħt il-Kap. 490 għandha ssir fi żmien sitt xhur mid-data meta l-parti interessata ssir taf jew setgħet issir taf b'dak l-att amministrattiv, skont liema minn dawn ikun l-aktar kmieni. L-appellanta qalet li meta l-artikolu 57 tal-Kap. 563 u l-artikolu 7 tal-Kap. 490 jinqraw flimkien, wieħed jasal għal konklużjoni ferm differenti minn dik li wasal għaliha t-Tribunal, għaliex li kieku t-Tribunal applika l-artikolu 7 tal-Kapitolu 490, kien jasal għall-konklużjoni li t-terminu għat-tressiq ta' azzjoni bħal din ma jibdiex minn meta persuna tiġi notifikata, kif ikkonkluda t-Tribunal, iżda mid-data meta l-parti interessata ssir taf jew setgħet issir taf bid-deċiżjoni amministrattiva. L-appellanta qalet li l-leġiżlatur ried jagħti dritt ta' appell aktar wiesa', inkluż lil dawk il-persuni li ma jiġux notifikati b'deċiżjoni tal-Awtorità fil-konfront tagħhom, u huwa għalhekk li t-terminu tal-appell jibda għaddej mhux biss meta l-parti interessata ssir taf, iżda anke meta din setgħet issir taf b'dak l-att amministrattiv.

16. L-appellanta qalet li hija ħassitha aggravata wkoll għaliex it-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tad-distinzjoni bejn il-kompetenza tat-Tribunal taħt l-artikolu 5 tal-Kap. 490 u l-kompetenza tal-Prim'Awla taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12. L-appellanta għamlet riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fejn intqal li t-Tribunal għandu kompetenza jisma' appelli minn xi att amministrattiv, u mhux jagħmel reviżjoni ta' atti amministrattivi skont l-artikolu 469A tal-Kap. 12. Qalet li t-talba tagħha quddiem it-Tribunal saret sabiex dan jiddikjara li l-ftehim bejn l-appellata u l-FKNK huwa null u bla effett, u mhux biex it-Tribunal ivarja l-ftehim jew xi parti minnu, jew sabiex it-Tribunal b'xi mod

jissostitwixxi l-ġudizzju tiegħu għal dak tal-Awtorità. Kompliet tgħid li mill-mod kif inhu redatt ir-rikors promutur, kellu jirriżulta ċar li hawn si tratta ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' att amministrattiv taħt il-Kap. 563 u mhux minn 'appell' kif mifhum tradizzjonalment. L-appellanta żiedet tgħid li f'każ li r-rikors imressaq minnha quddiem it-Tribunal ser jiġi interpretat bħala xi forma ta' 'appell', f'dak il-każ għandu japplika l-artiklu 236 tal-Kap. 12, li jgħid li appell jista' jsir mhux biss mill-partijiet fil-kawża, iżda wkoll minn kull min ikollu interess.

17. L-appellanta qalet li hija ħassitha aggravata wkoll għaliex *dato se non concesso* illi t-Tribunal mhuwiex kompetenti biex jisma' l-azzjoni odjerna għaliex tali kompetenza tispetta lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap. 12, it-Tribunal kellu s-setgħa li jissolleva l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza tiegħu *ex officio* u kien obbligat li jordna li l-atti tal-proċedura jiġu trasferiti lill-Qorti, Bord jew Tribunal li fil-fehma tat-Tribunal għandu jieħu konjizzjoni tal-kawża a tenur tal-artikolu 741(B) tal-Kap. 12. L-appellanta qalet li f'każ li t-Tribunal deherlu li m'għandux kompetenza *rationae materiae* jisma' u jiddeċiedi din il-vertenza, dan messu ta digriet *in camera* flimkien mas-sentenza preliminari sabiex jordna t-trasferiment tal-kawża lill-Prim'Awla. Qalet li iżda t-Tribunal m'għamilx hekk u huwa għalhekk ukoll li fil-fehma tal-appellanta d-deċiżjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar, 2021 għandha tiġi revokata jew tal-anqas riformata.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

18. Fir-risposta tagħha l-Awtorità appellata għamlet riferiment għar-rikors tal-appell tal-appellanta, u qalet li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita

konferma. Qalet li l-artikolu 57(1) tal-Kap. 563 għandu jinqara fl-intier tiegħu, partikolarment il-proviso ta' dan l-artikolu, minn fejn skont l-appellata toħroġ ċara l-intenzjoni tal-leġiżlatur, li d-dritt ta' appell ikun riservat għal dawk il-persuni li jiġu notifikati bid-deċiżjoni tal-Awtorità wara li ssir talba minnhom quddiem l-Awtorità għall-ħruġ ta' xi permess. Qalet ukoll li fil-fatt it-terminu tal-appell jibda għaddej minn meta l-persuna tirċievi d-deċiżjoni aggravanti. Qalet li kieku l-ħsieb tal-leġiżlatur kien li d-dritt tal-appell ikun aktar wiesgħa minn hekk, it-terminu *entro* liema jista' jsir appell kien jkun definit mod ieħor. L-Awtorità appellata spjegat li anki li kieku jiġi stabbilit li l-appellanta tassew kellha interess fid-deċiżjoni tal-Awtorità, dan ma jfissirx li l-appellanta għandha l-*locus standi* li tirrikjedi l-liġi proċedurali, jew li l-artikolu 236 tal-Kap. 12 japplika għaċ-ċirkostanzi odjerni. L-Awtorità appellata għamlet riferiment għad-deċiżjoni '**Is-Soċjetà *The Ramblers' Association vs.* l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar'**, li ngħatat mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Mejju, 2016, u qalet li din id-deċiżjoni ftit għandha rilevanza għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern li jittratta allokazzjoni ta' art, għaliex dawk il-proċeduri kienu jirrigwardjaw deċiżjoni tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fil-kuntest ta' dak li hemm ipprovdut fid-Direttiva 2003/35, u fejn il-liġi Maltija ħasbet speċifikament li għandu jkun hemm aċċess faċilitat għal stħarriġ ġudizzjarju mingħajr il-bżonn li jiġi ppruvat l-interess ġuridiku meta l-aggravju jittratta att jew omissjoni li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp jew xi installazzjoni suġġetta għal studju dwar l-impatt ambjentali jew permess dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis. L-Awtorità appellata għamlet ukoll riferiment għall-aggravju tal-appellanta fejn qalet li t-Tribunal kien obbligat jittrasferixxi l-atti lill-qorti jew tribunal kompetenti, u qalet li t-Tribunal ma setax jagħmel dan għaliex għaraf li

l-azzjoni kif postulata, jiġifieri t-talba għan-nullità ta' trasferiment ta' art pubblika, ma setgħetx tinġieb mill-appellanta, iżda biss mill-Avukat Ġenerali, il-partijiet involuti fl-att ta' trasferiment u minn xi membru tal-Kamra tad-Deputati.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

19. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-appellanta, wara li qieset il-fatti li wasslu għall-proċeduri odjerni, id-deċiżjoni tat-Tribunal u l-posizzjoni li ħadu l-partijiet rispettivi f'dawn il-proċeduri. L-appellanta ħasset ruħha aggravata meta t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu kkonkluda li hija m'għandhiex il-*locus standi* li tipproponi appell quddiemu mid-deċiżjoni li ħadet l-Awtorità tal-Artijiet li tikkonċedi meded art fil-Miżieb u fl-Aħrax tal-Mellieħa, lill-FKNK sabiex dawn ikunu jistgħu jintużaw mill-membri tagħha, għaliex fil-fehma tat-Tribunal, l-appellanta ma tikkwalifikawx bħala 'persuna aggravata' *ai termini* tal-artikolu 57(1) tal-Kap. 563. It-Tribunal ikkonkluda wkoll li ladarba huwa stabbilixxa li l-appellanta m'għandhiex *locus standi* tipproponi appell quddiemu, huwa kien sejjer jastjeni milli jieħu konjizzjoni dwar jekk għandhiex l-interess ġuridiku rikjest sabiex tirrikorri għall-proċedura ta' reviżjoni amministrattiva jew appell quddiem it-Tribunal.

20. Il-Qorti kkonsidrat li l-lanjanza prinċipali tal-appellanta hija li l-Awtorità tal-Artijiet ikkonċediet lill-FKNK meded ta' art f'żoni meqjusa bħala siti ta' importanza ekoloġika, sabiex jintużaw mill-membri tal-istess FKNK a skapitu tal-kumplament tal-pubbliku in ġenerali, li għal perijodu ta' madwar disa' xhur fis-

sena ser ikun imċaħħad mit-tgawdija u mill-użu tal-artijiet inkwistjoni. L-appellanta tgħid li hija saret taf bil-pjanijiet tal-Awtorità appellata mill-mezzi tax-xandir, u hekk kif saret taf bil-pjanijiet tal-appellata, hija ressqet l-azzjoni tagħha quddiem it-Tribunal. L-appellanta argumentat li l-konċessjoni tal-imsemmija meded ta' art mill-Awtorità appellata lill-FKNK, huma forma ta' trasferiment li sar bi ksur ta' diversi liġijiet u obbligi legali li kellha tosserva l-Awtorità appellata, kemm taħt il-liġi Maltija kif ukoll taħt prinċipji tad-dritt internazzjonali.

21. It-Tribunal, fil-konsiderazzjonijiet tiegħu spjega li l-Kap. 563 hija waħda mil-liġijiet speċjali li tagħtih il-kompetenza li jisma' oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew minn xi pieni imposti mill-Awtorità appellata. It-Tribunal għamel riferiment għall-*proviso* tal-artikolu 57(1)(b) tal-istess Kap., li jgħid li oġġezzjonijiet magħmula skont dan is-subartikolu tal-liġi għandhom jiġu ppreżentati fi żmien għoxrin ġurnata minn meta dik il-persuna tirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet. It-Tribunal qal li l-mod kif inhi miktuba l-liġi, jfisser li huma biss persuni li jiġu notifikati bid-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet fil-konfront tagħhom li għandhom dritt jirrikorru għal rimedju quddiem it-Tribunal, u t-terminu għall-preżentata ta' oġġezzjonijiet bħal dawn jibda jgħaddi minn dakinhar li l-persuna tirċievi d-deċiżjoni aggravanti. It-Tribunal ikkonkluda li appell bħal dak propost mill-appellanta fl-istanti, mhuwiex ammissibbli għaliex dan l-appell qiegħed isir minn terz li mhuwiex is-suġġetti tad-deċiżjoni appellata, u li qatt ma ġie notifikat mill-Awtorità tal-Artijiet bid-deċiżjoni tagħha.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal issepara d-duttrina tal-*locus standi *minn dik tal-interess ġuridiku]*

22. L-appellanta qalet li din id-distinzjoni m'għandha l-ebda bażi fil-liġi u fil-ġurisprudenza u għalhekk hija waħda ażżardata. L-appellanta qalet ukoll li bid-deċiżjoni li ta t-Tribunal, dan donnu kkonfonda l-kunċett ta' 'interess ġuridiku' ma' dak ta' 'relazzjoni ġuridika'. Qalet li r-relazzjoni ġuridika bejnha u l-Awtorità appellata ġejja mill-aġir kolpuż tal-Awtorità appellata, li bl-atti jew bl-omissjonijiet tagħha naqset milli tapplika d-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja u kisret għadd ta' obbligi imposti fuqha bil-liġi. Qalet li huwa minn din ir-relazzjoni ġuridika li jiskaturixxi l-interess ġuridiku tagħha bħala appellanta.

23. Il-Qorti hija tal-fehma li d-distinzjoni bejn *locus standi in judicio* u l-interess ġuridiku f'kawża, hija waħda kemxejn neboluża, u peress li normalment l-eċċezzjonijiet ta' nuqqas ta' *locus standi* u nuqqas ta' interess ġuridiku f'kawża jingħataw flimkien, ħafna drabi dawn jiġu kkunsidrati flimkien mill-Qrati tagħna. *Locus standi* huwa l-interess speċjali li wieħed għandu jkollu fil-kawżali tal-azzjoni proposta, il-kapaċità legali li wieħed iressaq azzjoni għaliex għandu l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jagħmel dan. Il-Qorti tirrileva li minkejja li rarament tingħata definizzjoni ta' x'inhu *locus standi* fid-deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna*,* spiss jiġri li dawn jispjegaw liema huma l-elementi li jridu jiġu sodisfatti sabiex jiġi stabbilit li l-parti li tipproponi azzjoni għandha l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex tagħmel dan. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fid-deċiżjoni fl-

ismijiet **Anthony P. Farrugia *vs.* l-Onorevoli Prim Ministru et**[1], fejn il-Qorti spjegat illi:

> "Illi l-interess ġuridiku f'parti attriċi huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta jew jonqos li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi imsewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha (fn. 21 App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet **Farrugia et *vs* Buhagiar** (Kollez. Vol. LXXVII.ii.98).
>
> Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilità u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd (fn. 22 ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet **Manche *vs* Montebello** (Kollez. Vol. **XXXVII.i.56**), b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi (fn. 23 P.A. **7.1.1953**, fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri *vs* Sammut** (Kollez. Vol. **XXXVII.ii.605**). Kien minħabba f'dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali (fn. 24 Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet **Cortis *vs* Bonello** (Kollez. Vol. **XXXI.i.218**).
>
> ...
>
> Illi l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jista' jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid. L-interess jista' jkun ukoll meqjus imsejjes jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv (fn. 29 P.A. **13.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet **Axiaq *vs* Mizzi noe et** (Kollez. Vol. **XXXVI.ii.532**), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku (fn. 30 App. Ċiv. **15.12.1932** – fil-kawża fl-ismijiet **Scolaro *vs* Bailey**, (Kollez. Vol. **XXVII.ii.195)**."

24. Din il-Qorti tirritjeni li l-appellanta għandha raġun tgħid li hija tissodisfa l-elementi kollha rikjesti sabiex titqies li għandha interess ġuridiku tipproponi proċeduri bħal dawn, u dan għaliex l-interess tagħha huwa wieħed attwali, dirett, leġittimu u ġuridiku. L-appellanta spjegat kif bħala għaqda hija twaqqfet sabiex tippromwovi mixjiet fil-kampanja Maltija għall-membri tagħha, dejjem

[1] 17.11.2011.

bl-iskop li tippromwovi l-ambjent naturali u soċjali Malti. L-interess tagħha li twaqqaf il-ftehim li l-Awtorità appellata ffirmat mal-FKNK, ġej mill-fatt li l-membri tal-appellanta m'għadx għandhom aċċess għall-meded ta' art inkwistjoni għal disa' xhur mis-sena. L-appellanta spjegat kif kien biss permezz tat-talba li hija ressqet quddiem it-Tribunal li jista' jiġi deċiż li l-ftehim huwa vizzjat għaliex ma josservax il-proċeduri mandatorji li l-Awtorità appellata kellha ssegwi qabel tikkonċedi meded ta' art bħal dawn lill-FKNK. Il-vantaġġ li qiegħda tipprova tikseb l-appellanta naturalment ġej mill-fatt li hija għandha interess tikseb aċċess mill-ġdid għall-imsemmija artijiet għall-membri tagħha, li bl-iffirmar tal-ftehim inkwistjoni, qegħdin isofru vjolazzjoni tad-dritt tat-tgawdija ħielsa u libera tal-imsemmija artijiet. Hemm ukoll ness ġuridiku bejn il-ftehim iffirmat mill-Awtorità u l-preġudizzju soffert mill-appellanta u mill-membri tagħha, li konsegwenza tal-ftehim inkwistjoni, itteħditilhom it-tgawdija libera tal-imsemmiija artijiet.

25. L-appellanta għamlet riferiment ukoll għall-fatt li t-Tribunal donnu għamel distinzjoni bejn l-interess ġuridiku tagħha fil-kawża u r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet. Hawnhekk ukoll fil-fehma ta' din il-Qorti saret distinzjoni li ma kellhiex issir, għaliex ir-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet f'dan il-każ issawret meta l-Awtorità appellata għamlet ftehim li sejjer jimpinġi fuq id-dritt ta' aċċess liberu li l-appellanta u l-membri tagħha dejjem gawdew sa issa fuq l-artijiet inkwistjoni. Kien minn hawnhekk ukoll li skaturixxa l-interess ġuridiku tal-appellanta fil-kawża. Għal darb'oħra l-Qorti tirrileva li azzjonijiet proposti minn għaqdiet, organizzazzjonijiet, għaqdiet trejdunjonistiċi u għaqdiet simili, ħafna drabi jinbdew minħabba l-interessi li dawn l-għaqdiet

jippromwovu, u huwa ferm aktar diffiċli għal individwu jew grupp żgħir ta' individwi, li jirnexxilhom jipproponu azzjonijiet ta' din ix-xorta.

Għaldaqstant tqis illi dan l-ewwel aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *[azzjoni bbażata fuq l-artikolu 57(1)(a) tal-Kap. 563]*

26. L-appellanta spjegat li l-azzjoni tagħha hija bbażata fuq l-artikolu 57(1)(a) tal-Kap. 563. L-artikolu 57 jaqra hekk:

> "(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma' u jiddetermina:
>
> (a) L-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità; u
>
> (b) L-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità:
>
> ...
>
> Iżda wkoll, sakemm ma jkunx preskritt mil-liġi, oġġezzjoni magħmula skont dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandha tiġi ppreżentata fi żmien għoxrin ġurnata minn meta dik il-persuna tirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità."

27. L-appellanta tgħid li hija ressqet l-azzjoni tagħha abbażi tal-artikolu 57(1)(a) tal-Kap. 563, u kuntrarjament għal dak deċiż mit-Tribunal, f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda ħtieġa li l-appellanta tiġi notifikata bid-deċiżjoni tal-Awtorità appellata. Il-Qorti tirrileva li hija ma taqbilx ma' dak li ntqal mit-Tribunal dwar l-applikabilità tal-*proviso* tas-subinċiż 57(1)(b) tal-Kap. 563 għaċ-ċirkostanzi odjerni. Anki mill-punteġġatura użata mil-leġiżlatur, joħroġ ċar li s-subinċiż 57(1)(a) tal-Kap. 563 għandu jinqara b'mod separat u distint mis-

subinċiż 57(1)(b), u l-*proviso* dwar it-terminu li fih għandha tiġi ppreżentata l-oġġezzjoni minn min għandu interess joġġezzjona għal xi deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet, japplika biss għal min iressaq l-oġġezzjoni tiegħu taħt is-subinċiż 57(1)(b), li huwa maħsub biex jirregola lil dawk il-persuni milquta minn xi att amministrattiv jew minn xi piena imposta fuqhom mill-Awtorità appellata. Dan ifisser li filwaqt li l-*proviso* japplika għal min ikun huwa stess is-suġġett ta' xi deċiżjoni tal-Awtorità, is-subinċiż 57(1)(a) tal-Kap. 563 jibqa' l-għodda disponibbli għal kull min iħossu aggravat bi kwalunkwe deċiżjoni li tista' tieħu l-Awtorità tal-Artijiet, anki jekk ma jkunx ġie notifikat bid-deċiżjoni. Huwa fatt li l-Awtorità tal-Artijiet ma tinnotifikax id-deċiżjonijiet tagħha b'mod pubbliku, kuntrarjament għall-mod kif topera f'ċerti ċirkostanzi pereżempju l-Awtorità tal-Ippjanar, u għalhekk il-*proviso* taħt is-subinċiż (1)(b) għall-artikolu 57 tal-Kap. 563 huwa maħsub biex jirregola biss lil dawk il-persuni milquta direttament mid-deċiżjonijiet jew penali oħra li tiddeċiedi dwarhom jew li timponi l-Awtorità tal-Artijiet. Mhux hekk fir-rigward ta' talbiet għal stħarriġ ta' atti amministrattivi tal-Awtorità appellata, li jintalbu taħt is-subinċiż 57(1)(a) tal-istess dispost tal-liġi, li jipprovdi li oġġezzjonijiet jistgħu jsiru minn kull persuna, għal kull tip ta' deċiżjoni li tittieħed mill-Awtorità, irrispettivament minn jekk din ġietx notifikata b'tali deċiżjoni jew le. Il-Qorti tirritjeni illi jekk il-leġiżlatur ried verament li l-oġġezzjonijiet isiru minn persuni li jkunu ġew notifikati bid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet, għaqdiet u persuni bħall-appellanta li ma jiġux notifikati b'tali deċiżjonijiet, ser isibu ruħhom f'sitwazzjoni żvantaġġjata fejn ma jistgħux ikunu effettivi fil-ħidma tagħhom u ma jistgħu jieħdu l-ebda azzjoni sabiex iwaqqfu deċiżjonijiet li jimpinġu b'mod negattiv fuq il-ħarsien tal-ġid komuni bħalma huwa l-ambjent. L-interpretazzjoni mogħtija mit-Tribunal tfisser

ukoll li hija l-Awtorità tal-Artijiet li tiddeċiedi min għandu jiġi notifikat bid-deċiżjonijiet tagħha, u għalhekk b'mod indirett ser tkun l-istess Awtorità li tiddeċiedi min għandu jedd iressaq oġġezzjoni mid-deċiżjonijiet meħuda minnha. Ċertament li din ma kinitx l-intenzjoni tal-leġiżlatur, li bis-subinċiż (1)(a) tal-artikolu 57 tal-Kap. 563 ta *locus standi* lil organizzazzjonijiet, għaqdiet u individwi bħall-appellanta, biex iressqu oġġezzjoni għal deċiżjonijiet tal-Awtorità appellata, minkejja li ma jkunux huma s-suġġett ta' dawk id-deċiżjonijiet u ma jkunux ġew notifikati bihom. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment ukoll għal dak li jipprovdi l-artikolu 7 tal-Kap. 490, illi:

> "7.(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt.
>
> (2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 u fejn xi liġi speċjali tassenja kompetenza lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u sakemm xi disposizzjoni tal-liġi ma tippreskrivix xi terminu perentorju għall-preżentata ta' xi talba għar-reviżjoni mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, talba biex jiġu riveduti atti ta' amministrazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika taħt dan l-Att għandha tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mid-data meta l-parti nteressata ssir taf jew setgħet issir taf b'dak l-att amministrattiv, liema minnhom ikun l-aktar kmieni."

28. Fil-każ odjern jirriżulta li l-appellanta saret taf bid-deċiżjoni tal-Awtorità appellata mill-*media*, u sussegwentement l-appellanta pproċediet billi intavolat il-proċeduri li minnhom qiegħed isir dan l-appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Il-Kap. 490 jaħseb għal sitwazzjoni fejn 'il-parti interessata' mhux tkun saret taf, iżda 'setgħet issir taf' bl-att amministrattiv li qiegħed jiġi impunjat, u fil-każ odjern li kieku ma kienx għall-media li ppubblikat id-deċiżjoni li ttieħdet mill-Awtorità appellata li tikkonċedi dawn il-meded ta' art lill-FKNK, ma kienx hemm mod kif l-appellanta setgħet issir taf b'dan il-ftehim,

għaliex naturalment dan ma ġiex notifikat lilha. Il-Qorti tirritjeni li għalhekk l-appellanta, għandha *locus standi* sabiex tkun parti minn dawn il-proċeduri bħala għaqda involuta fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent, li ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Awtorità, ressqet l-oġġezzjoni tagħha hekk kif saret taf bid-deċiżjoni li hija qiegħda titlob li tiġi mistħarrġa, u dan għamlitu entro t-terminu ta' żmien ta' sitt xhur stabbilit mil-liġi. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju tal-appellanta huwa ġustifikat, u tilqgħu.

*It-tielet aggravju:* *[It-Tribunal għamel apprezzament żbaljat bid-distinzjoni bejn il-kompetenza tat-Tribunal taħt l-artikolu 5 tal-Kap. 490 u l-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12]*

29. L-appellanta qalet li t-talba tagħha lit-Tribunal kienet sabiex il-ftehim milħuq bejn l-Awtorità appellata u l-FKNK, jiġi dikjarat null u bla effett. Qalet li l-intenzjoni tagħha meta istitwiet dawn il-proċeduri qatt ma kienet li t-Tribunal ivarja l-ftehim jew xi parti minnu, jew li b'xi mod jissostitwixxi l-ġudizzju tiegħu għal dak tal-Awtorità. Qalet ukoll li t-talba tagħha lit-Tribunal tidher ċara li hija talba għal stħarriġ ġudizzjarju ta' att amministrattiv taħt il-liġi speċjali tal-Kap. 563, u mhux 'appell' kif mifhum tradizzjonalment, u l-artikolu 5(1) tal-Kap. 490, jipprovdi li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva twaqqaf bl-iskop li jkun jista' jirrevedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu. Kompliet tgħid li f'dan il-każ l-artikolu 57(1) tal-Kap. 563 jipprovdi li t-Tribunal għandu l-kompetenza jissindika atti tal-Awtorità tal-Artijiet.

30. Il-Qorti tqis illi dak li qiegħed jintalab mit-Tribunal huwa ċar, u qiegħed jintalab fil-limiti tal-kompetenzi tal-istess Tribunal. L-azzjoni tal-appellanta ġiet

proposta taħt l-artikolu 57(1) tal-Kap. 563. li jipprovdi li kull min iħossu aggravat b'xi azzjoni tal-Awtorità għandu jressaq l-ilment tiegħu quddiem it-Tribunal. Huwa minnu li dan mhux 'appell' fis-sens strett tal-kelma, iżda permezz tal-azzjoni tagħha l-appellanta talbet lit-Tribunal jirrevedi l-ftehim milħuq bejn l-Awtorità appellata u l-FKNK, sabiex jiġi stabbilit jekk dan il-ftehim sarx skont l-obbligi legali taħt il-liġijiet ta' Malta u skont normi stabbiliti anki f'konvenzjonijiet internazzjonali li huwa marbut bihom il-pajjiż. Dan kollu t-Tribunal għandu il-kompetenza li jagħmlu, u l-appellanta għandha wkoll il-*locus standi* u l-interess ġuridiku rikjest sabiex tippromwovi azzjoni ta' din ix-xorta quddiem it-Tribunal. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Garden of Eden Garage Limited (C 17528) *vs.* L-Awtorità għat-Trasport f'Malta**[2], fejn inkiteb:

> "Illi huwa minnu li minkejja li twaqqaf l-imsemmi Tribunal, il-leġislatur ma deherlux li kellu jħassar ukoll l-artikoli 469A tal-Kapitolu 12 u li dan ir-rimedju baqa' disponibbli ukoll bħala għodda ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil tal-amministrazzjoni pubblika. Jista' jkun ukoll li kemm din il-Qorti kif adita biex twettaq l-imsemmi stħarriġ u kif ukoll it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jwettqu setgħat li jixxiebħu (fn. 19 ara art. 20(1) tal-Kap. 490).
>
> Iżda huwa fatt li t-Tribunal imsemmi huwa kompetenti fir-rigward ta' dawk l-awtoritajiet pubbliċi jew dawk il-korpi biss li l-att kostituttiv tiegħu espressament jagħnih bihom fit-Tielet Skeda tiegħu (fn. 20 art. 25(2) tal-Kap. 490), u ma għandux is-setgħa li jistħarreġ l-għemil ta' awtoritajiet oħrajn li jaqgħu fil-kompetenza waħdanija ta' din il-Qorti. Minbarra dan, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 469A (4) tal-Kapitolu 12 jitkellmu fis-sens li s-setgħa ta' din il-Qorti li tisma' kawża ta' sħarriġ ġudizzjarju tibqa' waħda residwali bħala garanzija aħħarija fejn il-persuna mġarrba ma jkollhiex rimedju ieħor ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju taħt xi liġi oħra jew quddiem xi tribunal ieħor."

Tqis għalhekk illi anki dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tilqgħu.

[2] 29.09.2011.

*Ir-raba' aggravju:* *[it-Tribunal kellu s-setgħa jissolleva l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza tiegħu* ex officio *u kien obbligat li jibgħat l-atti tal-proċedura quddiem l-ewwel Qorti, Bord jew Tribunal a tenur tal-artikolu 741(B) tal-Kap. 12]*

31. L-appellanta ssostni li f'każ li t-Tribunal kien tal-fehma li huwa ma kellux kompetenza jisma' l-lanjanzi mressqa minnha, dan kien obbligat li jibgħat l-atti quddiem il-Prim'Awla sabiex tkun hija li tieħu konjizzjoni tal-istess. Fil-fatt l-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> "741. L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata –
>
> (b) meta għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha:
>
> Iżda, jekk il-Qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-Qorti għandha, permezz ta' digriet *in camera* li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-Qorti, bord jew tribunal li l-Qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' din il-kawża."

32. Dan d-dispost tal-liġi jaħseb għas-sitwazzjoni fejn it-Tribunal ikollu l-obbligu li jibgħat l-atti quddiem il-Prim'Awla, jew quddiem xi qorti jew tribunal ieħor, f'każ li jqis li l-kawża kellha tinstema' minn dik il-qorti jew tribunal ieħor. Imma hawnhekk it-Tribunal irritjena li l-azzjoni odjerna ma setgħetx tiġi proposta mill-appellanta quddiem it-Tribunal għaliex m'għandhiex *locus standi* tipproponi azzjoni ta' din ix-xorta quddiemu, u mhux għaliex it-Tribunal m'għandux il-kompetenza jisma' azzjoni ta' din ix-xorta. Fi kwalunkwe każ la darba l-ewwel tliet aggravji tal-appellanta ġew milqugħa, u qed jiġi ddikjarat li l-

appellanta kellha l-*locus standi* u l-interess ġuridiku biex tipproponi l-kawża tagħha quddiem it-Tribunal, il-Qorti tqis li għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' aggravju tal-appellanta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell imressaq mill-appellanta billi:**

**1. Tilqa' l-ewwel tliet aggravji tagħha, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' aggravju tagħha;**

**2. Tħassar is-sentenza preliminari tat-Tribunal tal-21 ta' Jannar, 2021;**

**3. Tibgħat l-atti lura quddiem it-Tribunal u tordna li dan jipproċedi bis-smigħ tal-kawża fil-mertu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u dawk ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**